# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 12 ta' Lulju 2022

## Talba numru 169/2020SFJ

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) HEKK KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA ROSEMARIE BONACI KEMM BIL-POLZA KIF UKOLL BIL-LIĠI**

**VS.**

**ANTONELLA SALIBA (263564M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-24 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

1. *Illi s-soċjetà attriċi kienet ħarġet polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RMB001 di proprjetà tal-assigurata tas-soċjetà attriċi, Rosemarie Bonaci;*

2. *Illi fl-1 ta' Mejju 2019 il-vettura surriferita sofriet danni preċiżament fi Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar (quddiem Strabuono Café) meta l-intimata kkawżat ħsarat dolużi u volontarji fuq l-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RMB001;*

3. *Illi tali danni rriżultaw unikament bħala riżultat da parti tal-intimata billi kkawżat ħsarat dolużi u volontarji fuq il-vettura assigurata mas-soċjetà attriċi;*

4. *Illi l-intimata hija unikament responsabbli għad-danni subiti u dan minħabba negliġenza jew dolo da parti tal-istess intimata u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi għalhekk, l-intimata għandha tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' sitt mija u tlett Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€603.97) rappreżentanti d-danni kollha sofferti mill-assigurata tas-soċjetà attriċi, Rosemarie Bonaci, u li għalihom għamlet tajjeb l-istess soċjetà attriċi ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Lulju 2019, u bl-interessi legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta, li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Ra r-riferta (fol. 12) li tindika li l-konvenuta ġiet innotifikata fit-8 ta' Jannar 2021;

Ra r-Risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha eċċepiet:

*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda u dan stante li l-akkadut seħħ tort unikament tal-attriċi Rosemarie Bonaci u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Illi in effett, minħabba l-aġir tal-imsemmija Rosemarie Bonaci, il-konvenuta sofriet danni, liema danni jiffurmaw il-mertu tal-annessa kontro-talba.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-Kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li permezz tagħha talbet:

*It-Tribunal huwa mitlub jikkundanna lill-atturi jħallsu lill-konvenuta s-somma ta' mija u ħamsa u sittin Ewro (€165) rappreżentanti ħsarat fil-vettura tal-konvenuta kkaġunati dolożament mill-attriċi Bonaci fl-1 ta' Mejju 2019 fi Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuta in subizzjoni.*

Ra r-Risposta tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, li permezz tagħha eċċepiet:

*Illi l-kontro-talba mressqa mill-intimata hija nulla u bla effett u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess intimata u dan stante li s-soċjetà esponenti ma kkaġunat ebda ħsarat fil-konfront tal-istess konvenuta rikonvenzjonanti u kwindi tali kontro-talba kellha ssir fil-konfront tal-persuna li allegatament ikkaġunat ħsara lill-intimata, b'dan allura li s-soċjetà esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta rikonvenzjonanti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-12 ta' Lulju 2022.

**<u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

A. <u>Il-Kontro-talba</u>

Qabelxejn, jirriżulta mill-atti li l-vettura RMB001, li hija Renault Clio, hija assigurata f'isem Rosemarie Bonaci. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni (fol. 35). Fil-fatt, is-soċjetà attriċi hija ssurrogata f'isem Rosemarie Bonaci u ħadd aktar. Madankollu, dan il-każ jirrigwarda episodju li fih allegatament saru ħsarat fuq il-vettura RMB001 li fid-data u fil-ħin inkwistjoni kienet misjuqa minn bint Rosemarie Bonaci, jiġifieri Rosanna Bonaci.

Il-Kontro-talba ma tistax tirnexxi għaliex il-persuna li kontriha din hija diretta, jiġifieri Rosemarie Bonaci, lanqas biss kienet preżenti matul l-episodju mertu ta' din il-kawża u għalhekk ma setgħet qatt ikkawżat ħsarat lil Antonella Saliba. Il-fatt li Rosemarie Bonaci ma kinitx preżenti huwa msaħħaħ mir-rapporti tal-Pulizija, li jindikaw li ttieħdu proċeduri kriminali kontra Joseph Saliba (ir-raġel tal-konvenuta), kontra Rosanna Bonaci, u kontra Antonella Saliba biss. In kontro-eżami (udjenza tal-24 ta' Mejju 2022), il-konvenuta xehdet li fil-ġurnata tal-episodju mertu tal-kawża, il-persuna li kienet qed issuq il-vettura RMB001 kienet Rosanna Bonaci. Fil-fatt, meta xehdet Rosanna Bonaci (fol. 83 *et seq.*), hija xehdet b'mod li juri ċar li hija kienet preżenti u għexet l-episodju infeliċi u qatt ma qalet jew tat x'wieħed jifhem li ommha, Rosemarie Bonaci, kienet preżenti dakinhar. Jekk il-konvenuta sofriet xi ħsarat, dawn żgur ma ġewx ikkawżati minn Rosemarie Bonaci, li ma kinitx preżenti fid-data u l-ħin inkwistjoni.

Għalhekk, il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti hija miċħuda u hi għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi magħha.

B. <u>It-talba prinċipali</u>

Jirriżulta li nhar l-1 ta' Mejju 2019 fi Triq il-Kaħli f'San Pawl il-Baħar seħħ episodju pjuttost stramb. Jidher li din hija triq xi ftit dejqa u huwa biss b'diffikultà li jistgħu jgħaddu vetturi minnha f'direzzjonijiet opposti f'istess ħin. Il-vettura RMB001, misjuqa minn Rosanna Bonaci, daħlet f'din it-triq u pparkjat quddiem garaxx. Bonaci qalet li fil-fehma tagħha, hija kienet ipparkjata sewwa. Inoltre, jingħad fil-verżjoni mogħtija lill-Pulizija, li Bonaci kellha magħha lit-tarbija tagħha u kienet ipparkjat biex tirranġa xi affarijiet appartenenti lit-tarbija. Fil-fatt, meta xehdet (fol. 83 *et seq.*), Bonaci kkonfermat li kienet waqfet għax semgħet lit-tarbija tibki u riedet tara x'ġara.

Jidher ukoll li allegatament b'riżultat tal-mod kif ipparkjat Bonaci, il-vettura misjuqa mill-konvenuta u xi vettura oħra ma setgħux jgħaddu. Hemm rakkonti varji dwar kif żvolġa l-inċident u min qal ċertu diskors maledukat. Meta tat il-verżjoni tagħha lill-Pulizija (ara fol. 28), il-konvenuta donnha ma ftakritx jekk tatx daqqa bis-sieq lill-vettura misjuqa minn Rosanna Bonaci. Min-naħa l-oħra, fil-verżjoni mogħtija minnha fl-istess rapport (fol. 27), Rosanna Bonaci qalet li l-konvenuta bdiet tagħti daqqiet fuq xi ħġieġa tal-vettura (il-vettura RMB001) u tat daqqiet ta' sieq lill-istess vettura u kkawżat ħsarat.

It-terza persuna nvolut, Kevin Bonnici, kien persuna li dakinhar tal-episodju inkwistjoni kien qiegħed isuq vann u ma setax jgħaddi b'mod komdu mit-triq relattiva. Fil-verżjoni mogħtija lill-Pulizija (mogħtija ħmistax-il jum wara l-episodju), huwa qal li l-konvenuta tat daqqa ta' rkobba lill-vettura misjuqa minn Rosanna Bonaci.

Fix-xhieda tiegħu (fol. 70 *et seq.*), Kevin Bonnici rrefera għal xi persuna li kienet fl-awla dak il-ħin iżda mit-traskrizzjoni mhuwiex ċar għal min kien qiegħed jirreferi. In kontro-eżami (senjatament a fol. 73), Bonnici qal li ra l-irkobba sejra lejn il-bieba tal-vettura imma ma rax l-irkobba attwalment tolqot il-bieba.

F'dan il-punt, it-Tribunal jagħmilha ċara li l-ġurisdizzjoni tiegħu hija purament dwar *money claims* u kwindi, għandu jistabbilixxi min ikkawża l-ħsara lil min. Dan it-Tribunal mhuwiex interessat fl-insulti li setgħu ġew skambjati għas-sempliċi raġuni li mhumiex relevanti sabiex tkun riżolta din il-vertenza. B'referenza għat-trattazzjoni magħmula mill-avukat patroċinanti l-konvenuta, jingħad, bl-akbar rispett, li dan mhuwiex każ ta' kolliżjoni awtomobilistika fejn irid jiġi ddeterminat min għandu jġorr il-ħtija għall-inċident. Dan il-każ huwa biss dwar jekk il-konvenuta kkawżatx ħsarat fuq il-vettura RMB001 u jekk iva, l-ammont tal-ħsarat.

Speċifikament a fol. 86, Rosanna Bonaci xehdet li l-konvenuta "*…she came banging on the glass and kicking with her knee to the door.*"

Iżda mbagħad, in kontro-eżami (fol. 90), Bonaci qalet li l-konvenuta kienet "*…banging on the glass*" u ma qalitx li l-konvenuta tat daqqa ta' rkobba lill-bieba, iżda qalet li l-konvenuta kienet qed iżżomm il-bieba bl-irkobba.

Fl-affidavit ippreżentat minnha (fol. 126), il-konvenuta ċaħdet li hija tat daqqiet lill-vettura misjuqa minn Rosanna Bonaci. Id-domanda hija ovvja. Għaliex fil-verżjoni li tat lill-Pulizija *a tempo vergine* l-konvenuta ma ċaħditx li laqtet il-vettura RMB001? Għaliex qalet lill-Pulizija li ma kinitx taf li tat xi daqqiet u mbagħad, żmien wara, fl-affidavit ċaħdet bil-qawwa kollha li tat daqqiet fuq il-vettura RMB001? Loġikament, iċ-ċertezza tkun fl-ogħla livell tagħha *a tempo vergine* u l-probabilità hija li din iċ-ċertezza tibda tmajna maż-żmien.

Rosanna Bonaci xehdet li Joseph Saliba (ir-raġel tal-konvenuta) qalilha dakinhar tal-episodju relattiv li d-daqqiet kienu diġà fuq il-vettura. Sfortunatament, Joseph Saliba qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri. Madankollu, fix-xhieda tagħha (fol. 87), Bonaci qalet li qabel dak l-episodju, ma kienx hemm ħsarat.

It-Tribunal ma jqisx iċ-ċaħda ta' Antonella Saliba kredibbli, prinċipalment għar-raġuni li fil-verżjoni mogħtija minnha lill-Pulizija, hija ma ċaħditx li għamlet ħsarat iżda qalet biss li skontha, ma tafx li għamlet hekk. Din il-pożizzjoni pjuttost aċċettanti immetamorfosizzat f'ċaħda qawwija misjuba fl-affidavit tagħha. Fil-fehma tat-Tribunal, huwa aktar normali li persuna jkollha memorja aqwa tal-episodju fi stadju eqreb l-istess episodju, milli fi stadju pjuttost inoltrat. Dan jidher, pereżempju, mill-mod kif xehed Kevin Bonnici. Dan ix-xhud sab ċerti diffikultajiet proprju minħabba t-trapass taż-żmien.

It-Tribunal jenfasizza li fil-kamp ċivili, parti hija tenuta tilħaq il-grad tal-prova tal-bilanċ ta' probabilitajiet, u mhux il-grad li jissupera kull dubju raġonevoli jew il-grad taċ-ċertezza assoluta. Għalhekk it-Tribunal iqis li l-verżjoni mogħtija minn Rosanna Bonaci iktar tista' titwemmen u fil-fehma tat-Tribunal, huwa aktar probabbli li dik hija l-verżjoni li l-aktar toqrob lejn il-verità.

Relattivament għall-ammonti, it-Tribunal għadd l-ammonti relattivi u sab li l-konteġġi tas-soċjetà attriċi huma korretti. Għal kull buon fini u għall-kompletezza, jiġi rilevat li dawn il-konteġġi ma ġewx attakkati mill-konvenuta.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jiċħad il-Kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

ii. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u b'hekk jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sitt mija u tlett Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€603.97), bl-interessi legali mid-data tal-ftuħ tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv, liema interessi għandhom jiġu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi;

iii. Jikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż konnessa mal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Lulju 2019 (*siccome* ġiet ippreżentata prova tal-istess).

It-Tribunal jordna li bit-tħaddim tal-Art. 223(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**